# Inkomplu Niċċelebraw lil Miruzzi



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Permezz tal-artiklu tas-sena l-oħra (p. 77), konna stabbilixxejna d-data preċiża li fiha twieled Mro Antonio Miruzzi; surmast tas-Soċjetà Filarmonica 'La Vincitrice' bejn l-1890 u l-1894. Inzerta li dis-sena Miruzzi jagħlaq proprju 75 sena minn mewtu, li ġrat fit-23 t'Ottubru 1944, u għalhekk ikun xieraq li nkomplu niċċelebraw 'il dal-kompożitur prolifiku Malti billi nitkellmu aktar dwaru. Ħames snin ilu wkoll kont iċċelebrajtlu dal-anniversarju b'taħdita dwar ħajtu u ħidmietu waqt serata li kont tellajt fis-sala tal-każin tal-banda Ġużeppina Ħamruniża; Miruzzi kien dam imexxi 'l dil-Banda għal 30 sena sħaħ. Fiha kienu ndaqqew xi xogħlijiet tiegħu, fosthom l-'Innu Tifħir lil San Gejtanu'. Għall-istess okkażjoni, kont ikkomponejt ukoll biċċa mużika ddedikata lilu bl-isem ta' 'Omaggio a Miruzzi'. Fl-artiklu ta' dis-sena se niffoka l-aktar fuq id-data tal-mewt tiegħu biex din ukoll tiġi stabbilita darba għal dejjem.

Kliem muftieħ: Mro Antonio Miruzzi, University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ' (Bormla), Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp' (Ħamrun), Soċjetà Filarmonika 'La Vincitrice' (Isla), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali 'Nicolò Isouard' (Mosta), Soċjetà Filarmonika 'Santa Marija' (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun)


Parroċċa San Gejtanu
Ħamrun – Malta

Ċertifkat tal-Mewt

St. Cajetan Parish - Hamrun
Death Certificate

Vol. IV Pg. 267 No.
Isem / Name: Antonio Miruzzi
Post tat-twelid / Place of Birth: E Ċ: 78.
Missier / Father: Joseph Miruzzi
Omm / Mother: Michelina Brincat
Stat maritali / Marital Status: Armel minn Concetta Cauchi
Data tal-Mewt / Date of Death: 23-10-1944
Post tal-Mewt / Place of Death: Ħamrun
Post tad-Difna / Place of Burial: Santa Marija Addolorata

5/10/2017
Data

Kappillan

Joseph Mifsud Matrenza (1918-2013), storjografu tal-banda Ġużeppina Ħamruniża, spiss kien jiltaqa' ma' Miruzzi. Madankollu, la fil-ktejjeb tal-Ġublew tad-Djamanti (1964), la fil-ktejjeb storiku li kien ħareġ fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tas-Soċjetà (1989), u lanqas fl-artiklu li kien deher fil-ktieb tal-festa San Ġejtanu (1994) ma jsemmi d-data ta' mewtu. Agħar minn hekk, intervista tal-1972 tgħidilna li Miruzzi miet fis-26 t'Ottubru 1944.[1] L-istess data żbaljata nsibuha wkoll fil-ktieb, 'L-Għaqda Mużikali Sant'Andrija – Twelidha u Ġrajjietha' (2008), peress li Jesmond Grech qagħad fuq Chircop. Infatti, f'p. 386, l-awtur tal-ktieb jagħmel espressament riferenza għal dil-intervista. L-istess ħaġa għall-artiklu bit-Taljan ta' Mro Stephen Dimech[2], fejn jagħtina s-26 t'Ottubru bħala jum mewtu.[3]




Mill-banda l-oħra, id-data fil-ktejjeb ta' Grazio Anton Grech, '14-il Profil ta' Mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin'[4], hi l-waħda korretta meta jgħid li: 'Huwa miet fit-23 ta' Ottubru 1944, il-Ħamrun'. Id-data kien ħadha mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta[5]. Did-data nista' nikkonfermaha jien ukoll wara li ġibt iċ-ċertifikat tal-mewt, fejn jgħid li Antonio, iben Joseph Miruzzi u Michelina Brincat, u armel minn Concetta Cauchi, miet fil-

[1] L-intervista ta' Mro Michael Chircop dehret fil-gazzetta 'In-Nazzjon Tagħna' tas-26 ta' Jannar 1972.
[2] Kien surmast tal-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta. Ara artiklu tiegħu, 'Dall'Isola di Malta all'Italia, per studiare musica' (goo.gl/zdwxF1).
[3] Fl-istess artiklu ta' Dimech insibu li Miruzzi twieled fix-xahar t'Ottubru minflok Marzu.
[4] Stampat Għawdex (1998).
[5] Att tal-Mewt Nru 2848/1944.

Ħamrun proprju fit-23 t'Ottubru, 1944, u ndifen fiċ-ċimiterju tal-Addolorata.

Grech jiddeskrivi wkoll il-funeral ta' Miruzzi: 'Attendew diversi rappreżentanti ta' diversi għaqdiet mużikali, sabiex jagħtuh l-aħħar tislima.' L-istess deskrizzjoni jagħtihielna Chircop: 'Il-funeral kien sar il-Ħamrun fejn rappreżentanti tal-każini fejn hu [Miruzzi] kien serva ħadu sehem għall-aħħar tislima lil eks surmast.' Il-quddiesa *presente cadavere* kienet saret fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu, il-Ħamrun stess, ftit passi 'l bogħod minn daru. Min jaf jekk, waqt il-quddiesa ndaqqewx xi siltiet mill-i*Stabat Mater* tiegħu stess?

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)